MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 292/2013

Appell Numru: 292/2013

Il-Pulizija

Vs

Edward Cassar

Illum, 27 ta' Novembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Edward Cassar, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 213353M talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Mejju, 2012 sa Ottubru, 2012 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Mary Cassar u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Gunju, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill imsemmi imputat hati u kkundannatu tlett xhur prigunerija. Il-Qorti fissret il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Edward Cassar pprezentat fid-19 ta' Gunju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikancella s-sentenza appellata fejn sabithu hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi nonostante il-fatt lid-digriet tal-manteniment gie riattivat, l-appellant Edward Cassar qatt ma gie mgharraf ufficjalment b'dan id-digireit u cioe' li kellu jerga' jibda jivversa tali manteniment mensili lil Mary Cassar mill-1 ta' Mejju, 2012.

Illi kien fl-interess tal-mara tieghu li tara li dak id-digriet gie notifikat lilu skond il-ligi u dana qabel ma pprocediet bil-kwerela;

Illi di piu Mary Cassar qatt wara l-1 ta' Mejju, 2012 ma talbet personalement lil zewgha Edward Cassar sabiex jerga' jibda jivversa manteiment mensili lilha, u qatt ma gabet a konjizzjoni tieghu l-gharfien tad-digriet mertu ghal din il-kawza u dan xheditu hi stess bil-gurament fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2013.

Illi b'konsegwenza ta' dak supracitat, l-esponenti Edward Cassar huwa inkonsapevoli li d-digriet ta' manteniment kien gie riattivat u li huwa kellu jerga` jibda jivversa manteniment mensili lil martu Mary Cassar mill-1 ta' Mejju, 2012.

Illi l-Artikolu 338(z) jghid illi persuna hija hatja ta' kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku meta tkun ordnata minn xi Qorti jew marbuta b' kuntratt u tonqos milli taghti lil xi persuna, is-somma ffissata minn tali Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal dik il-persuna fi zmien hmistax iljum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Illi fil-kaz in ezami minkejja li l-Qorti kienet harget digriet bis-sahha tieghu l-appellant gie ordnat sabiex jerga` jibda jivversa manteniment lil martu Mary Cassar, dan id-digriet qatt ma gie ufficjalment notifikat lill-appellant;

Illi, meta wiehed qed jghid ufficjalment, dan ifisser li ma kien hemm ebda notifika mitluba mill-parti leza u lanqas ma kien hemm talba legali u/jew gudizzjarja lill-appellant sabiex ihallas il-manteniment dovut minnu u b'hekk jigi mgharraf bl-ordni tal-Qorti.

Illi ghalkemm id-digriet ghandu forza ta' ligi, l-Onorabbli Qorti ma tistax tippretendi li l-partijiet minghajr ebda notifikazzjoni jkunu a konoxxenza ta' kull ordni tal-Onorabbli Qorti minghajr ebda notifikazzjoni;

Illi fi proceduri kriminali persuna jista` biss jigi misjub hati jekk il-provi li jingiebu kontrih ikunu tali illi jwasslu ghal konkluzjoni li tmur lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-persuna tkun ikkommettiet ir-reat li bih tkun qed tigi akkuzata.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sittax (16) ta' Mejju elfejn u tnax (2012) il-parti leza, Mary Cassar, mart l-appellant irrappurtat l-ghassa ta' San Giljan illi zewgha l-appellant naqas milli jtiha l-manteniment mix-xhur ta' Mejju sa Ottubru tal-elfejn u tnax (2012). Ghalhekk il-pulizija ipprocedew kontra l-appellant bl-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat.

B'sentenza tal-ghaxra (10) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigurerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn l-ilment principali tieghu huwa l-fatt illi l-appellant qatt ma gie mgharraf ufficcjalment bid-digriet tal-Qorti tal-Familja. Irrifera ghall-kamp civili ta' kif id-digrieti tal-Qorti jkunu notifikati lill-parti interessata.

Ikkunsidrat:

Quddiem din il-Qorti xhedet il-parti leza Mary Cassar fejn ikkonfermat illi baqghet ma rceviet ebda manteniment minn Mejju sa Ottubru tal-elfejn u tnax (2012). Kienet titolbu dan il-manteniment però qatt ma sar xejn u ghalhekk marret taghmel ir-rapporti. Illi d-digriet illi bih giet kanonizzata kreditrici tal-appellant fil-manteniment imsemmi jinsab a fol 15 tal-process u infurmat lill-Qorti ukoll illi proceduri ta' separazzjoni ilhom ghaddejjin mill-elfejn u sebgha (2007). Veru illi kien hemm sena illi l-manteniment gie sospiz però rega' gie attivat permezz tad-digriet tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) (ara fol 15). Il-parti leza iddikjarat illi l-appellant kien ben konxju tal-obbligazzjonijiet tieghu. Min-naha l-ohra l-appellant argumenta illi kien hemm zmien meta l-manteniment gie sospiz u la darba gie riattivat kien obbligu tal-parti leza illi tinforma lill-appellant b'dan id-digriet ghax altriment ma jkunx jaf bl-ezistenza tieghu. L-appellant kellu d-dritt illi jkun notifikat bid-digriet biex allura jkun f'pozizzjoni jikkontesta jew ihallas l-ammonti kanonizzati. Bhalissa l-appellant mhuwiex qed jahdem u m'ghandux minn fejn ihallas.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-argument tal-appellant japplika biss ghall-kamp civili. F'dan il-kaz partikolari l-Qorti tirreferi ghall-artikolu 338 (z) li huwa ta' ordni pubbliku u gie introdott

specifikatament biex issir pressjoni fuq id-debituri rikalcitanti biex jonoraw l-obblgi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi (ara Pulizija versus Publius Said, 25 ta' Settembru 2003). Dan ifisser ergo illi l-vot tal-ligi ma jistax ikun sodisfatt jekk il-parti li tkun fin-nuqqas tesigi li tkun ufficcjalment notifikata bid-digrieti tal-Qorti tal-Familja. F'dan il-kaz il-Qorti tinnota li l-partijiet ilhom ghaddejjin bi proceduri ta' separazzjoni mill-elfejn u sebgha (2007) liema separazzjoni tidher wahda akrimonuza immens fejn allura zgur illi l-partijiet ikunu fuq ix-xwiek jaraw x'se taghmel il-parti l-ohra u tagixxi jew tirreagixxi skont il-kaz.

Il-Qorti tirrileva illi l-manteniment gie attivat bid-digriet tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012). Però l-appellant kien moruz fil-hlas ta' manteniment bejn Mejju u Ottubru tal-elfejn u tnax (2012). Il-parti leza mhiex qieghda tilmenta min-nuqqas ta' manteniment bejn Jannar u Mejju tal-elfejn u tnax (2012) li jfisser li l-appellant kien jaf sew x'kien dak id-digriet u ma jistax issa jaqbad kwistjonijiet teknici, li ma jaghmlux sens legali, sabiex jevita l-obbligazzjonijiet tieghu versu l-parti leza. Mhiex skuza illi tghid illi m'ghandux minn fejn ihallas. Jekk l-appellant jinsab f'kondizzjoni finanzjarja prekarja, allura messu jadixxi lill-Qorti kompetenti u jgib varjazzjoni jew sospensjoni tal-manteniment dovut lill-parti leza. Sakemm isir dan, l-appellant ma jistax unilateralment inaqqas jew iwaqqaf il-manteniment dovut. Il-Qorti tinnota illi l-partijiet jidhru li jippreferu jahlu z-zmien ta' xulxin telghin u nezlin il-Qorti jikkontestaw kull mossa illi jaghmlu fil-kuntest ta' din is-separazzjoni milli jpoggu ras ma' ras flimkien mal-avukati jaraw xi problemi hemm u jaslu ghal separazzjoni konsenswali bl-inqas dannu ghal xulxin. Fis-sitwazzjoni li qieghdin bhalissa qieghdin juru immaturità kbira li se twassal ghal aktar komplikazzjonijiet illi minnha zgur illi mhumiex se johorgu illezi.

Mill-bqija ghal dak li jirrigwarda l-mertu l-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet liberament u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik il-konkluzjoni u diskrezzjoni.

Il-Qorti tinnota pero′ li l-appellant mhuwiex fi stat ta′ sahha tajba u tlett xhur prigunerija jistghu ikunu gravuzi wisq fil-konforont tieghu u ghalhekk hemm lok ta′ temperament fil-piena, avolja din ma gietx mitluba fir-rikors tal-appell tieghu.

Il-Qorti rat ukoll il-verbal tas-seduta tat-13 ta′ Novembru, 2014 fejn il-parti civili ddikjarat li kienet thallset mill-appellant l-ammont dovut u ghal dak li jirirgwarda din il-kawza ma kelliex aktar pretensjonijiet.

Il-Qorti m′hijiex insensittiva ghal dan il-fatt u normalment f′dawn ic-cirkostanzi jkun hemm lok ghal-temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tilqa′ in parti l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak illi jirrigwarda l-htija u tirriforma ghal-dak li jirrigwarda l-piena u flok tlett xhur prigunerija tillibera lill-appellant taht il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------